# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

AWWISSU 2022 – Ħarġa Nru: 203




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## NAPPREZZAW L-ORDINARJU…

Sakemm qed nikteb, l-aħbarijiet kollha qed isemmu li vapur mimli qamħ, għadu kif ħalla l-port ta' Odessa fl-Ukrajina għal diversi destinazzjonijiet. Diversi vapuri bi prodotti ta' ikel, ilhom miżmuma milli jbaħħru minn mindu bdiet l-invażjoni tal-Ukrajina mir-Russja.

Biex dan il-vapur ħareġ, kellhom isiru negozjati twal bejn iż-żewġ naħat sabiex jaslu għall-ftehim. Kemm l-Ukrajina kif ukoll ir-Russja, huma produtturi kbar tal-qamħ, żejt għall-ikel u l-fertilizzant.

B'dan il-ftehim, qed tiġi evitata kriżi umanitarja milli ċerti pajjiżi jkollhom ibatu l-ġuħ. Hija ħasra li anke l-ikel jiġi użat bħala arma fil-gwerra!

**Jagħmel ħoss**

Min jaf kemm vapuri, mimlijin prodotti, jaqsmu kuljum l-ibħra tagħna u aħna ftit li xejn nagħtu każ. Imma għax dan il-vapur u



oħrajn li ilhom miżmuma għal ħames xhur sħaħ f'port fl-Ukrajina, qed jagħmel dan il-vjaġġ "storiku", jinsab fuq quddiem nett tal-aħbarijiet!

F'ħajjitna, ħafna ħwejjeġ li nqisuhom ordinarji, ftit li xejn napprezzawhom. Meta jonqsuna, imbagħad, nibdew nagħrfu l-bżonn tagħhom.

Għalhekk, jeħtieġ li:

* ***napprezzaw aktar lil saħħitna***. Li nqisuha bħala rigal, li nibżgħu għaliha billi nagħżlu x'nieklu, nagħmlu eżerċizzji fiżiċi, nistrieħu, invarjaw il-ħidma tagħna, nevitaw l-istress, inkunu aktar kalmi…
* ***napprezzaw aktar lil dawk ta' madwarna***. Lill-ġenituri tagħna, lil uliedna, lil ħbiebna, lil sħabna fuq il-post tax-xogħol, lil dawk fil-qasam tal-volontarjat... Dan nagħmluh billi nippruvaw intejbu dejjem aktar ir-relazzjonijiet tagħna magħhom. Jekk dawn jixxellfu naraw kif insaħħuhom. Immorru għal dak li hu essenzjali u nwarrbu impenji żejda li nistgħu ngħaddu mingħajrhom.
* ***napprezzaw aktar il-fidi tagħna.*** Ġieli mhux dejjem neħduha bis-serjeta'. Inħalluha fil-periferija (t-tarf) ta' ħajjitna b'tali mod li ma tkunx hi li tagħti direzzjoni lil ħajjitna. Napprezzaw aktar il-quddiesa tal-Ħadd, inħabirku biex uliedna jattendu ċ-ċentri tad-duttrina, napprezzaw tant nies li jissagrifikaw parti mill-ħin tagħhom u jiddedikawh biex tkompli tikber fostna "is-Saltna t'Alla".

**Ħafna sabiħ madwarna**

Kemm-il darba nisimgħu li aħna napprezzaw aktar lill-persuni jew il-ġrajjiet li ngħaddu minnhom ta' kuljum, meta nitilfuhom.

Aktar jaqbel li nibdew napprezzaw dak li hu ordinarju issa, li għadu magħna. Kull ġurnata hija grazzja minn Alla, mislufa lilna biex insaħħu r-relazzjonijiet tagħna miegħu u ma' dawk ta' madwarna. Napprezzaw ukoll 'il-ħolqien billi nibżgħu għalih u ngħadduh aħjar milli sibnih, lil dawk ta' warajna.

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … AWWISSU 2022

**Tnejn 1:** San Alfons Marija de Liguori, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Ħamis 4:** San Ġwann Marija Vianney, presbiteru – Tifkira O
**Sibt 6:** *It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej* – Festa. *Is-Sitt Sibt tal-Grazzja.* Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet. Fis-5.50pm kurunella, funzjoni tas-Salve u fis-6.15pm quddiesa bil-kant u l-omelija
**Ħadd 7:** **Id-19-il Ħadd tas-sena**
**Tnejn 8:** San Duminku, presbiteru – Tifkira O
**Tlieta 9:** Santa Marija Benedetta tas-Salib, verġni u martri, patruna tal-Ewropa – Festa
**Erbgħa 10:** San Lawrenz, djaknu u martri – Festa
**Ħamis 11:** Santa Kjara, verġni – Tifkira O
**Sibt 13:** *Is-Seba' Sibt tal-Grazzja*
**Ħadd 14:** **L-20 Ħadd tas-sena.** Il-quddiesa tas-6.00pm tkun tal-Vġili ta' Santa Marija u tgħodd għas-solennità tal-għada
**Tnejn 15:** **Solennità tal-Verġni Marija imtellgħa fis-sema – l-Assunta – festa kmandata**. Ilkoll imħeġġin nieħdu sehem fil-quddies li jkun bħal tal-Ħadd.
**Sibt 20:** San Bernard, abbati u duttur tal-Knisja – Tifkira O. *It-Tmien Sibt tal-Grazzja*
**Ħadd 21:** **Il-21 Ħadd tas-sena**
**Tnejn 22:** L-Imqaddsa Verġni Marija Reġina – Tifkira O
**Erbgħa 24:** San Bartilmew, appostlu – Festa
**Sibt 27:** Santa Monika – Tifkira O. *Id-Disa' Sibt tal-Grazzja*
**Ħadd 28:** **It-22 Ħadd tas-sena**
**Tnejn 29:** Il-Martirju ta' San Ġwann Battista – Tifkira O

**L-Intenzjoni tal-Papa għal Awwissu 2022**



***Għan-Negozji ż-Żgħar***
Nitolbu għan-negozji żgħar u medji; f'nofs din il-kriżi ekonomika u soċjali, jalla jsibu metodi kif jaħdmu u jaqdu l-komunitajiet.

## INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Tereża Gialanze' (83), Carmel Attard (85), Carmelo Muscat (88), Emanuel Attard (58), Maria Carmela Sciberras (86), Maria Coleiro (82), Rita Fenech (83), Anthony Briffa (83), Maria Saliba (91), Maria Anna Caruana (88), Michael Ellul (75), Alfred Attard (72), Filomena Scicluna (99), Alfred Bugeja (74), Joseph Vella (76).

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*